MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 349/2012

**Cementstone Manufacturing Co Ltd**
**(C 7758)**

**vs**

**Acorn Properties Limited**
**(C 37361)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-17 ta’ Ottubru 2012 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ tlett t’elef, sitt mija u disghin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€3,690.74) rapprezentanti bricks u materjali ohra mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta intimata fuq istruzzjonijiet taghha u a beneficcju taghha.

Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll l-ittra ufficjali tat-23 ta' Marzu 2012 u bl-imghax mit-30 ta' April 2010 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li rapprezentant taghha huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar, w'il-Kunsill Lokali tan-Naxxar u fil-post tas-socjeta konvenuta gewwa n-Naxxar, fil-25 ta' April 2013, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Eugenio Mallia datati 25 ta' April 2013 (fol 10 tergo).

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew anke imwahhla fl-Ghassa tal-Pulizija ta' St. Venera, w il-Kunsill Lokali ta' St. Vennera u fil-post tas-socjeta konvenuta gewwa St. Vennera, fis-26 ta' April 2013, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Julian Caruana datati 26 ta' April 2013 (fol 11).

Rat illi il-konvenut gie wkoll notifikat b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar l-14 ta' Mejju 2013 (fol. 9) kif ukoll fil-gazzetta lokali In-Nazzjon Taghna datata 22 ta' Mejju 2013 (fol 14).

Illi fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013 is-socjeta' attrici, wara li rapprezentant taghha ikkonferma li ma sar ebda pagament, pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti (fol 16).

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2013 is-socjeta konvenuta giet imsejjha izda ma deher hadd, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici kif ukoll ir-rappresentant taghha tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta'**

**attrici s-somma ta' tlett t'elef, sitt mija u disghin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€3,690.74), kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------